**L-AKKADEMJA TAL-MALTI**

Fl-14 ta' Novembru 1920 twaqqfet l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti li aktar tard fl-1964 saret magħrufa bħala l-Akkademja tal-Malti. Il-ħsieb ewlieni tagħha kien li tagħżel alfabett li jkun imħaddem mill-kittieba kollha tal-Malti. Dan seħħ sena wara fit-18 ta' Diċembru 1921 u fl-1924 l-Għaqda ħarġet it-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* – l-ewwel manwal tal-ortografija tal-Malti li fl-1934 saret l-ortografija uffiċjali tal-Gvern.

L-għan tal-Akkademja tal-Malti ma kienx biss li tibni s-sisien tal-ilsien Malti imma wkoll li tnissel letteratura xierqa. Fl-1925 bdiet toħroġ il-perjodiku tagħha, *Il-Malti* u mill-bidu sal-lum kitbu fih l-aqwa kittieba ta' pajjiżna. L-Akkademja tippubblika *Il-Malti* kull sena, f'edizzjonijiet letterarji u akkademiċi flimkien ma' ħarġiet speċjali.

Fl-1984 l-Akkademja ħarġet regoli ġodda fuq il-kliem ta' nisel Rumanz jew Ingliż li dehru fiż-*Żieda mat-Tagħrif*. Aktar tard fl-1992 l-Akkademja ħarġet l-*Aġġornament tat-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija.* Fl-1998 stampat ir-*Regoli tal-Kitba tal-Malti*.

Pubblikazzjonijiet oħra jinkludu *Ilsien Qadim f'Millennju Ġdid* (2000), *Xogħlijiet Magħżula ta' Ġużè Gatt* (2010), *Ta' Barra Minn Hawn – Ir-Razza u r-Radika fil-Letteratura Maltija* (2011), *Studji Dunkarmjani* (2011), *Doreen Micallef – il-Konferenza – il-Poeżiji* (2015) u *Fuq il-Passi ta' Vassalli* (2019). Bħalissa qed tħejji pubblikazzjoni bil-kontribuzzjonijiet li ġew preżentati waqt is-seminar 'Is-Sessiżmu fil-Lingwa Maltija' fl-2017.

Matul is-snin, l-Akkademja tal-Malti ħadet ħsieb torganizza konkorsi ta' poeżiji u novelli u tikkommemora kittieba Maltin u torganizza taħditiet kif ukoll seminars fuq il-letteratura u l-lingwa Maltija. L-Akkademja organizzat 'il fuq minn tletin taħdita u xandret ħamsin programm fis-sensiela *Nwar* minn fuq Radju Malta.

Fil-21 ta' Ġunju 2009 l-Akkademja tal-Malti ssieħbet fil-European Writers Council u f'April 2013 organizzat l-ewwel forum tal-*Mare Nostrum* f'pajjiżna.

Fl-2013 l-Akkademja sponsorjat ir-restawr tal-volum li fih tinsab l-Għanja ta' Pietru Caxaro, magħrufa bħala l-*Kantilena* kif ukoll ir-restawr tal-*Prospetto* (1820) ta' Mikiel Anton Vassalli u l-pubblikazzjoni tad-*Damma tal-Kliem Kartaġiniż imxerred fil-Fomm tal-Maltin u Għawdxin* (2016).